MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Rikors Numru. 39/2000/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Dr. Vincent Galea u l-PL Mario Mifsud Bonnici nominati b'dgiriet tas-27 ta' Gunju 2000 biex jirraprezentaw s-sid jew sidien mhux mgharufa.**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 9 ta' Gunju, 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fil-Marsa tal-kejl ta' madwar 323.6 metri kwadri li tmiss mal-Majjistral ma' spazju pubbliku, mill-Ilbic ma' triq pubblika u mill-Grigal ma' proprjeta ' tal-Gvern, Isla huwa ta' sittax-il elf mitejn u hamsa u tletin lira Maltija (Lm16,235) kif jidher mir-rapport

tal-perit Joe Mizzi A&CE tat-22 ta’ Gunju 1999 li estratt tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi ittra ufficjali tal-11 ta’ Lulju 2000 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pace u l-Perit AIC Frederick Valentino wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma’ din is-sentenza:

“Huma ikkonsidraw dan kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta), u partikolarment  l-Artikolu 27 u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprejta inkwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta’ fabbrikabbli u li l-valur tal-istess proprjeta’ bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta’ mija u dsatax-il elf u tmintax-il ewro u tnejn u sebghin ewrocentezmu (119,018.72);

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni

unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut il-bicca art fil-Marsa tal-kejl ta' madwar 323.6 metri kwadri li tmiss mal-Majjistral ma' spazju pubbliku, mill-Ilbic ma' triq pubblika u mill-Grigal ma' proprjeta ' tal-Gvern li dan l-Bord qed jiddikjara fabrikabbli, versu l-kumpens ta' mija u dsatax-il elf u tmintax-ewro u tnejn u sebghin ewrocentezmu (119,018.72). Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-ewwel ta' Gunju 2009 fis-2.00pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Alexandra Mizzi biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------